# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Seduta tallum il-Ġimgħa 6 ta' Diċembru, 2024**

**Fl-atti tar-rikors maħluf bin-numru 1216/2015MH**

**Numru: 12**

**Charles Fenech et**

**Vs**

**Mario Psaila et**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tan-Nutar Dottor Micheal Laferla biex għar-raġunijiet premessi jintervjeni fil-kawża kif se jingħad.

Dan huwa digriet biex tiġi deċiża t-talba magħmula minn Nutar Dottor Micheal Laferla kif ingħad.

Il-kawża li fih sar dan ir-rikors hija waħda li tolqot d-drittijiet ta' servitu' senjatament dritt ta' użu ta' passaġġ gawdut fil-fond indikat fir-rikors ġuramentat.

Fir-risposta ġuramentata tal-konvenuti[1] jikkontestaw tali dritt vantat ukoll preżentaw rikonvenzjoni[2] fejn talbu dikjarazzjoni ġiudizzjarja ta' aċċess ulterjuri għall-fond ta' l-atturi.

Fir-risposta ġuramentata għar-rikonvenzjoni l-atturi rikonvenzjonati rreżistew għat-talbiet imressqa per via di rikonvenzjoni.

Rat ukoll ir-rikors[3] preżentat minn Nutar Dottor Micheal Laferla fejn talab li jintervjeni f'din il-kawża *in statu et terminis* u dan fuq bażi ta' konvenju li hu għamel fuq il-propjeta' tar-rikorrenti li fuqha hemm dibattut l-aċċess tal-pasaġġ in mertu. Jippremetti li huwa ġia ntavola rikors ġuramentat biex jinforza dan il-bejgħ u dan skont dak kollu stipulta fil-konvenju msemmi, allura inkluż kull dritt petitorju li jmur mal-proprjeta' de quo.

[1] Folio 18
[2] Folio 19
[3] Folio 280

Rat li r-risposta ta' Charles u Maria Fenech[4] għal din it-talba ta' intervjent li hija waħda oppositorja. Jikkontestaw bis-saħħa l-interess ġuridiku li m'għandux ir-rikorrenti Nutar biex joqgħod f'din il-kawża anke bħala intervenut.

Rat illi Dr. Paul Lia fis-seduta tas-19 ta' Frar, 2024 irreġistra wkoll l-oġġezzjoni tiegħu għal din it-talba. Oppona għat-talba billi rreġistra li m'hemm ebda dritt pretiż mill-konvenju biex jippermetti dan l-intervjent, għalhekk ir-rikorrent m'għandux l-interess ġuridiku meħtieġ.

Ikkunsidrat.

Illi huwa ċar li l-interess li jinbotta lin-Nutar Dottor Micheal Laferla biex jressaq dan ir-rikors in eżami huwa naxxenti minn konvenju li hu daħal fih ma l-atturi biex jakkwista il-farmhouse bil-pertinenzi kollha tagħha u għalhekk skontu anke il-passaġġ hawn vantat.

Ingħad dan fir-rigward ta' l-istitut ta' l-intervjent *in statu et terminis* fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Alex Azzopardi vs Anna Ellul et.**[5]

[4] Folio 301 datata 301
[5] Deċiża 29 ta' Ottubru, 2010; Ċitaz Nru. 1077/2009

> *"Is-Satta jemfasizza:-*
>
> *"il terzo possa dedurre prove, purche` queste siriferiscano non alla posizione delle parti ma al diritto che ilterzo intende tutelare mediante il suo intervento".*
>
> *Ghalhekk, in succint, il-pozizzjoni ta' l-intervenut fil-kawzaa distinzjoni tal-kjamat in kawza, la huwa attur uanqaskonvenut. Hu la jista' jitlob ghall-hlas ta' l-ispejjez tieghu u anqas jista' jigi ikkundannat ghall-ispejjez. L-intervenut ma jistax jigi ikkundannat jew illiberat, fis-sensli sentenza ma tista' qatt tigi esegwita mill-intervenut fil-kawza u viceversa u normalment ma tistax sentenza tigi esegwita kontra tieghu.* ***L-intervenut hu ikkonsidrat li mhux parti fil-kawza. L-intervenut fil-kawza ghandu jkollu interess guridiku u mhux sempliciment interess fl-ezitu****.* ***Hu jista'jitlob li jintervjeni, u ghandu jigi ammess li hekk jintervjeni, biex jipprotegi l-interessi tieghu f'dik il-kawza partikolari u mhux f'kawza jew kawzi ohra li talvolta jistghu jigu intavolati****. Hu m'ghandux id-dritt li jipprezenta eccezzjonijiet gja decizi. Filwaqt li fl-artikolu 962 tal-Kap12 dwar il-kjamat in kawza jinghad li din ghandha tigi notifikata bir-rikors u titqies bhala kull konvenut iehor u li bhala tali ghandha jedd tipprezenta kull skrittura,li taghti kull eccezzjoni, u li tinqeda b'kull beneficcju iehor li l-ligi taghti lill-konvenut u tista' tigi mehlusa jew ikkundannata daqs li kieku mill-ewwel il-kawza kienet proposta kontra taghha, dan il-kliem ma jinstabx fl-artikolu 960 li jitkellem dwar l-intervenut fil-kawza. L-intervenut ma jsirx legittimu kontradittur – u dan a differenza tal-kjamat li huwa b'ligi espressa kunsidrat konvenut fil-kawza. Il-Qorti ghandha l-obbligu li tikkonsidra s-sottomissjonijiet ta' l-intervenut fil-kawza u ghalhekk tiddeciedi l-punti li huwa jissolleva. L-intervenut jista' jipprezenta skritturi fil-kawza u jiehu partiattiva fid-diskussjoni."*
>
> (Tipa grassa enfasi tal-Qorti).

Huwa ċar għalhekk illi l-partijiet għandhom raġun jopponu dan l-intervent. Il fatt li n-Nutar rikorrenti jista' għandu interess fl-eżitu ta' din il-kawża ma jirradikax a favoriħ dak l-interess ġuridiku li hu meħtieġ biex jintervjeni. L-interess meħtieġ irid fost l-oħrajn ikun wieħed dirett, leġittimu, u attwali. Dan l-interess ġie ben spjegat fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Bernardette Licari vs Carmel sive Charles**

**Attard et**[6]**.** A skans ta' ħafna ripetizzjoni din il-Qorti tagħmel referenza għat-tagħlim hemm misjub u ssib lir-rikorrenti huwa skars minn tali interess għax dak biss li jgawdi huwa interess fl-eżitu ta' din id-deċiżjoni u mhux l-interess li jipproteġi u jfittex dak id-dritt sostantiv li jolqtu direttament mertu ta' din il-kawża. Sallum igawdi a favoriħ ftehim preliminari li għadu fih innifsu suġġett ta' skrutinju ġiudizzjarju.

**Konsegwentement tiċħad din it-talba.**

**Onor Miriam Hayman.**
**Imħallef**

**Maraya Aquilina**
**Dep. Reġ**

[6] Deċiża 21 ta' Novembru, 2016; rikors ġur. 1327/2010